MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2014

Numru. 1102/2013

**Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9,**

**Artikolu 35(c)(iii) tal-Kapitolu 437,**

**Artiklu 8(2)(3), 31, 45 u 46 tal-Kapitlu 439,**

**tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Artikolu 5 ta' L.S. 36.28**

**Artikoli 4 u 11(1) ta' L.S. 437.101**

**Magistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Ramon Mercieca)**

**vs**

**JOSEPH BARTOLO**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **JOSEPH BARTOLO** iben Fidiel u Saverja xebba Seychell, imwieled Gudja fis-27 ta’ Mejju, 1950 u residenti 2A, Triq it-Tigrija, Marsa u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 498650(M) gie mressaq quddiemha u akkuzat talli fit-12 ta’ Ottubru, 2012 u fiz-zmien ta’ qabel din id-data, f’dawn il-Gzejjer, caqlaq illegalment annimali.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi naqas milli jidentifika l-klieb fil-pussess tieghu,

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, zamm majjali,

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, zamm annimali fi stat hazin.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi sar recediv b’sentenzi moghtija lilu quddiem il-Qorti tal-Magistrati Malta.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser kundizzjoni mposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati Malta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom estratt mill-att tat-twelid tal-imputat immarkat bhala Dok. CSH a fol. 6, il-fedina penali tal-imputat immarkata bhala Dok. CSH1 a fol. 7 et sequitur u l-kunsens tal-Avukat Generali datat 7 ta' Novembru, 2013 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja liema kunsens gie mmarkat bhala Dok. CSH2 a fol. 13 tal-Process.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b’digriet tal-Prim Imhallef tal-21 ta’ April 2014 u din il-Qorti ghalhekk appuntat il-kawza ghas-smiegh u gbir tal-provi.

Rat illi l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi deciz minn din il-Qorti kif preseduta u dan kif jirrizulta mill-ezami li sarlu nhar it-8 ta’ Mejju 2014 ai termini ta’ l-Artikoli 370 (4) u 390 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi nhar it-8 ta' Mejju, 2014 xehed l-**Ispettur Ramon Mercieca** u esebixxa numru ta' dokumenti relatati mal-investigazzjoni li ghamel in konnessjoni ma' Joseph Bartolo. Esebixxa dokument mahrug mill-Ministry for Resources and Rural Affairs, Veterinary and Phytosanitary Regulation Department li gie mmarkat mill-Qorti bhala dokument CSH 3, dokument iehor mahrug mill-istess Ministeru datat 30 ta' Ottubru, 2013 li gie mmarkat bhala dokument CSH 4. Esebixxa okkorrenza li hija datata 12 ta' Ottubru, 2012 li giet immarkata bhala Dok. CSH 5. Esebixxa wkoll dokument mahrug minn PIRS System taghhom li gie mmarkata mill-Qorti bhala CSH 6. Esebixxa sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta nhar il-25 ta' Mejju, 2012 li giet immarkata mill-Qorti bhala Dok. CSH 7. Esebixxa sentenza ohra moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta nhar it-2 ta' Gunju, 2010 li giet immarkata bhala Dok. CSH 8, u sentenza ohra moghtija mill-istess Qorti tal-Magistrati fit-13 ta' Ottubru, 2011 li giet immarkata mill-Qorti bhala dokument CSH 9.

Illi nhar it-8 ta' Mejju, 2014 xehed **Joseph Zammit** u spjega li huwa jokkupa l-kariga ta' co-ordinator fil-Ministeru ghar-Rizorsi u Affarijiet Rurali u dan fid-Dipartiment tar-Relazzjoni Veterinarja u Sahha tal-Pjanti. Spjega illi bhala co-ordinator ir-rapporti tal-inspection li jsiru mill-membri taghhom imorru ghandu. F'dan il-kaz ikkonferma li sar inspection fit-12 ta' Ottubru, tas-sena 2012 minn Dr. Chetcuti Ganado flimkien mal-Pulizija tal-ALE u l-Animal Welfare. Huwa fil-fatt esebixxa kopja tar-rapport mhejji minnhom liema dokument gie mmarkat bhala dokument CSH10, liema rapport huwa datat 24 ta' Ottubru, 2012.

Irrizultalu skond dan ir-rapport Dok. CSH 10, illi effettivament kien hemm xi caqliq ta' annimali llegali fosthom erba' moghziet u ghaxart ihniezer u zewgt ihniezer zghar. Spjega li effettivament meta kien mar it-tabib sab dawn l-istess annimali fuq farm fi Triq l-Istalel, il-Marsa.

Ikkonferma illi l-inspection dakinhar saret fi tlett postijiet li jappartjenu lill-imputat Joseph Bartolo. Esebixxa dokument iehor li gie mmarkat bhala dokument CSH 11 f'isem Carmel Cremona.

Mistoqsi mill-Qorti x'ghandu x'jaqsam Carmel Cremona mal-kaz in kwistjoni spjega li dan huwa t-transporter tal-annimali li gew mehuda mill-Marsa ghall-Insulator. Esebixxa wkoll dokument iehor markat bhala dokument CSH 12 u spjega li hawnhekk hawn lista tal-annimali li gew mehuda l-Waste Serv. Esebixxa wkoll dokument iehor markat bhala Dok. CSH 13 rigwardanti t-Terminal Treatment Facility.

Illi nhar it-8 ta' Mejju, 2014 xehed **Dr. Duncan Chetcuti Ganado** u spjega li huwa jokkupa l-kariga ta' Ufficjal Veterinarju fi hdan il-Ministeru ghar-Rizorsi u l-Affarijiet Rurali. Gie muri d-dokument esebit f'dawn l-atti markat bhala dokument CSH 10 u spjega illi dan id-dokument gie mhejji minnu, u fuqu gharaf il-firma tieghu u kkonferma l-kontenut tieghu.

Spjega li huwa kien ghamel din l-ispjezzjoni flimkien mal-Animal Welfare Officers peress li kien dahlilhom report li kien hemm xi zwiemel li kienu qeghdin jigu mizmuma hazin. Spjega li effettivament kien hemm zewg spezzjonijiet li ghamel, wiehed minnhom kien sar gewwa l-Marsa, fi Triq l-Istalel u l-iehor fi Triq il-Garibaldi Luqa.

Jikkonferma li fl-ispezzjoni li saret gewwa Triq l-Istalel sab disa’ zwiemel kif ukoll hames moghoz li kienu go barriera abbandunati u l-iktar haga li mpressjonatu f’dawn iz-zwiemel kien li ra zewgt izwiemel f’kundizzjoni tajba perfetta, fis-sens illi ma kellhom l-ebda feriti, tant li kellhom il-*coa*t taghhom ileqq, il-*body condition core* taghhom kienet tajba, kienu alert hafna, il-muskoli taghhom kienu ttownjati hafna u spjega li effettivament kellhom *housing area* adegwata. Ikkonferma li mieghu f’din l-ispezzjoni kien hemm il-Pulizija kif ukoll l-imputat prezenti fl-Awla.

Insegwitu u dak hu li dejqu spjega li ra seba’ zwiemel ohra mizmuma fl-istess post pero’ dawn ma kienux tal-istess kundizzjoni. Kienu madura hafna, kellhom *body conditions core* baxx hafna, kellhom skeletru jidher minn kull naha, *thorasic u lumber spine processes* kienu evidenti u kien hemm ukoll indikazzjoni ohra li ndikaw li z-zwiemel ma kienux mizmuma fi stat tajjeb. Ghalih fil-fehma tieghu dana kien *neglect* car tal-annimali. Fil-fatt dan kien evidenti ahjar meta ghamel paragun bejn l-istess annimali mizmuma fl-istess fond.

Hemmhekk kien hemm ukoll numru ta’ moghoz. Wahda minn dawn il-moghoz kellha identifikazzjoni li effettivament tghajjat lill-imputat stess u kien hemm erba’ moghziet ohrajn minghajr *identification tag* u dawn l-erba’ moghziet inqatlu fuq il-post min *butcher* stess fuq ordnijiet tal-Veterinarju. Sussegwentament ittiehdu minn hemm u marru ghall-incineratur. Fl-istess post iktar ‘il fuq kien hemm zewgt iklieb li dak iz-zmien ma kellhomx *micro-chip*. Wiehed minn dawn il-klieb kien tal-ghamla *Pit Bull Cross*. Huwa tenna li effettivament kellu xi feriti fuq wiccu li whud

minnhom kienu jidhru feriti antiki u ohrajn aktar ricenti. Jghid li dawn il-klieb setghu ntuzaw ghal xi glied.

Sussegwentement ghamlu spezzjoni ohra f'post iehor gewwa Hal-Luqa, Triq Garibaldi, u hemmhekk sabu diversi annimali li fil-fehma tieghu kienu mizmuma sewwa. Dawn l-annimali kienu jikkonsistu fi  hmar u ziemel.

Sussegwentement ghamlu t-tielet spezzjoni gewwa post iehor il-Marsa fejn isir il-*Horse Riding*. Wiehed minn dawn l-*Animal Welfare Officers* kien jaf illi l-imputat ghandu post hemmhekk u l-imputat stess hadhom f'dan it-tielet post. Hemmhekk sabu majjal illegali. Skond is-*Swine keeping Regulation* majjal irid ikun kopert b'licenzja tal-post u l-persuna li jzomm dan il-majjal irid ikollu licenzja wkoll. Inoltre l-hniezer iridu jkun identifikati u dawn ma kellhom xejn minn dan. U f'dan il-kaz bl-istess ragunar ta' qabel peress illi dawn jistghu jaffetwaw is-sanita tal-pubbliku nqatlu u ntbaghtu l-incineratur ukoll.

Ix-xhud ikkonferma l-kontenut tar-rapport tieghu.

Mistoqsi jekk effettivitament ittiehdux xi ritratti spjega li ttiehdu u dan mill-*Animal Welfare Officers* fuq indikazzjoni tieghu. Esebixxa whud minn dawn ir-ritratti li gew immarkati komplessivament bhala dokument CSH13.

Spjega kif irrizulta mir-ritratti esebiti li tnejn mill-majjali kienu kbar u ohrajn kienu ghadhom zghar. Tnejn minnhom jintuzaw ghal uzu

kummercjali meta jsiru l-majjalati. Pero' sostna li l-*Swine keeping Regulation* ma taghmel ebda differenza fiz-zamma ta' tipi differenti ta' hniezer. Insista li biex jinzammu l-hniezer dejjem hemm bzonn licenzja.

Illi nhar it-8 ta' Mejju, 2014 xehed **Godric Marsden** u spjega li huwa jokkupa l-kariga ta' *Animal Welfare Officer*. Spjega li effettivament kienet dahlet telefonata lill-*Animal Welfare* illi s-Sur Joseph Bartolo li gharaf prezenti fl-Awla kien qed izomm annimali mhux mizmuma sewwa. Huwa sussegwentement informa lill-Pulizija tal-ALE kif ukoll lit-tabib u flimkien ghamlu l-*inspections* relattivi. Huwa effettivament ha sehem fi tlett *inspections* li tnejn minnhom inzammu l-Marsa u l-iehor f'Hal-Luqa. Maghhom kien hemm ukoll il-veterinarju Dr. Duncan Chetcuti Ganado.

Huwa kkonferma li effettivament ir-ritratti esebiti fl-atti markati komplessivament bhala dokument CSH14 gew mehuda minnu. Fil-fatt indika lill-Qorti li fl-ewwel ritratt hemm kelba li kellha wiccha mqatta'. Spjega li kien hemm certu zwiemel li kienu ghadma u gilda waqt li dawk li Bartolo jsuq il-Marsa kienu mizmuma sew. Ikkonferma wkoll li raw il-hniezer kif huma murija fir-ritratti esebiti.

Illi nhar it-8 ta' Mejju, 2014 xehed **PS 609 James Magro** u spjega li ha sehem fl-*inspections* li saru fi tlett postijiet, tnejn minnhom gewwa l-Marsa u wiehed minnhom Hal-Luqa proprjeta' ta' Bartolo.

Gie muri numru ta' ritratti markati komplessivament bhala Dok CSH14 u spjega illi dawn huma ritratti li huma hadu dakinhar ta' dawn l-

ispezzjonijiet. Ikkonferma li dakinhar ta' dawn l-ispezzjonijiet l-imputat odjern li gharaf prezenti fl-Awla kien maghhom ukoll.

Illi nhar it-8 ta' Mejju, 2014 xehed **PS 305 Alfred Gauci** fejn ikkonferma li huwa kien prezenti flimkien mal-veterinarju Dr. Duncan Chetcuti Ganado u mal-*Animal Welfare Officers* meta ghamlu *inspection* u dana kien jum il-Gimgha, 12 ta' Ottubru, 2012.

Gie muri dokumenti li huma konsistenti f'ritratti u spjega illi dawn huma ritratti tal-annimali mehuda waqt l-*inspections* li gew mizmuma minnhom dakinhar. Huwa kkonferma li l-imputat li gharaf prezenti fl-Awla bhala Joseph Bartolo kien maghhom waqt li saru dawn l-*inspections*.

Gie muri d-dokument CSH5 li hija l-okkorenza, u kkonferma li din giet mehuda minnu. Huwa ffirma din l-istess okkorrenza fil-prezenza tal-Qorti u giet markata bhala Dok. CSH5.

Illi nhar it-8 ta' Mejju, 2014 xehed **PC 804 Leonard Formosa** u spjega li huwa kien prezenti ghal spezzjonijiet li saru fil-propjetajiet tal-imputat li gharaf prezenti fl-Awla. Spjega illi dakinhar tat-12 ta' Ottubru, 2012 huwa kien ha sehem fi tlett spezzjonijiet fejn maghhom kien hemm membri tal-*Animal Welfare*, il-veterinarju Dr. Duncan Chetcuti Ganado u l-imputat.

Gie muri sett ta' ritratti esebiti u markati bhala dokument CSH14 u spjega li dawn huma ritratti tal-*inspection* li zammew dakinhar.

Illi nhar l-14 ta' Ottubru 2014 deher l-imputat assistit minn Dr Joseph Brincat li ddikjara li ma kellux provi xi jressaq u pprezenta nota ta' sottomissjonijiet u deher ukoll l-ufficcjal prosekutur fejn trattaw il-kaz u talbu lil din il-Qorti sabiex tghaddi ghas-sentenza taghha.

Ikkunsidrat.

Illi jigi rilevat li l-imputat ma xehedx f'dawn il-proceduri kif del resto kellu kull dritt jaghmel u lanqas ressaq provi in difiza tieghu. Huwa strah biss fuq il-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni.

Illi fl-ewwel lok l-imputat gie akkuzat talli caqlaq annimali bi ksur ta' l-**Artikolu 35 (c) (iii) tal-Kap 37** tal-ligijiet ta' Malta (intitolat Tharis ghall-mard) li jiddisponi s-segwenti:-

*"**35.** (1) Kull min ikun is-sid, id-detentur, in-negozjant jew l-importatur, id-destinatarju, it-trasportatur, il-bejjiegħ bl-imnut jew kull persuna oħra li tkun awtorizzata taħt id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att biex tiddisponi minn annimali ħajjin, prodotti ta' oriġini mill-annimali, prodotti elenkati fl-Ewwel Skeda, għalf tal-annimali jew prodotti mediċinali veterinarji, jew ir-rappreżentant ta' dawk il-persuni, jew min ikun inkarigat minn xi attività veterinarja privata, bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att -*

*(ċ) għandu josserva kull l-obbligazzjoni imposta taħt dan l-Att li għandha x'taqsam ma' mard li jittieħed, u jimplimenta regoli relattivi; mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dak hawn qabel imsemmi, dawk il-persuni għandhom -*

*(iii) jidentifikaw u jirreġistraw annimali, u jiddikjaraw iċ-ċaqlieq ta' annimali li jkunu taħt ir-responsabbiltà tagħhom";*

Illi dan l-artikolu tal-ligi jaqa' taht Taqsima V intitolata **Obbligazzjonijiet ta' ċerti persuni u ta' korpi** ohra fejn hemm indikat l-Obbligazzjonijiet ta' persuni fil-qasam ta' attivitajiet veterinarji.

Issa minn ezami ta' dan l-**Artikolu 35 tal-Kap 437** tal-ligijiet ta' Malta u dak sussegwenti insibu x'inhuma l-obbligi ta' min izomm annimali pero' fis-sub inciz (2) ta' l-istess artikolu ma nsibux il-piena f'kaz ta' ksur ta' dan l-**artikolu 35** izda nsibu disposizzjoni fejn il-legislatur ta poter lill-Ministru responsabbli ghas-servizzi veterinarji sabiex jaghmel regoli sabiex jipprovdi dwar x'ghandha tkun il-piena f'kaz ta' non ossevanza ta' dan l-obbligu legali.

Dan is-sub inciz jipprovdi s-segwenti:-

*(2) "Il-Ministru jista' jagħmel regoli li jipprovdu li kull persuna li tikser id-disposizzjonijiet tagħhom tkun ħatja ta' reat kontra dan l-artikolu u teħel, meta tinsab ħatja, dik il-piena li tista' tiġi preskritta mill-Ministru, liema piena tkun ta' priġunerija ta' mhux aktar minn sitt xhur jew multa ta' mhux*

*aktar minn tlieta u għoxrin elf u mitejn u tlieta u disgħin ewro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (23,293.73)".*

Id-difiza sostniet fit-trattazzjoni taghha kif ukoll fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha li l-piena li talvolta tista' terroga din il-Qorti f'kaz ta' htija hija dik il-piena li semmai kellha tigi preskritta mill-Onorevoli Minsitru fir-regoli li huwa ghandu jippreskrivi. Id-difiza fakkret lill-Qorti fil-principju ormai stabilit u accetat fil-ligi penali li ma hemmx reat jekk m'hemmx piena adegwata ghalih "*nullum crimen sine poena*" u ghalhekk in linea ma' dan l-insenjament fil-fehma taghha din il-Qorti ma tistax issib lill-imputat hati ta' dan l-allegat reat.

Din il-Qorti pero' ma taqbilx ma' dak sottomess mid-difiza f'dan ir-rigward u dan ghaliex dan is-sub artikolu u cioe' (2) tal-artikolu 35 tal-istess kap jipprovdi *ab intio* x'inhi l-piena f'kaz ta' ksur ta' dispozizzjoni maghmula mill-Onorevoli Ministru u ghalhekk ghamlet tfittxija sabiex tara jekk issibx xi regolament mahrug mill-Onorevoli Ministru. Jirrizulta li naxxenti minn dan il-kapitolu hemm diversi ligijiet sussidjari u f'kaz ta' ksur taghhom ghandha tapplika dak li jipprovdi s-sub artikolu (2) tal-artiklu 35 tal-istess kapitolu tal-ligijiet ta' Malta. Illi m'hemmx dubju li fil-proprjeta' tal-imputat instabu diversi annimali u li zgur li gew mehuda hemm. L-imputat fl-ebda hin ma stqarr jew ittenta jghid li l-annimali sabhom hemm. Illi ghalhekk tali tragitt taghhom zgur li ma sarx bil-permessi relattivi u ghalhekk din l-akkuza tirrizulta provata.

Fit-tieni lok l-imputat gie akkuzat talli naqas milli jiddentifika l-klieb li kienu fil-pussess tieghu u dan skond l-**Artikolu 4** tal-ligi sussidjarja 437.101 taht il-

Kapitolu 437. Jinghad li fil-proprjeta' ta' l-imputat u appuntu gewwa l-fond li jinsab fi Triq Racecourse Marsa nstabu waqt spezzjoni li saret fil-presenza tieghu numru ta' klieb fejn uhud minnhom kienu marbuta b'cinga kif murija fir-ritratti esebiti u markati bhala Dok CSH 14. Skond ir-rapport tal-Veterinarju Dr. Duncan Checuti Ganado kien hemm kelb tal-ghamla German Sheperd u iehor tal-ghamla Pit Bull Cross. Spjega li dawn ma kellhomx microchip u spjega wkoll li kien hemm diversi feriti kemm godda kif ukoll qodma fuq wicc il-kelb Pit Bull Cross.

Illi d-difiza f'dan ir-rigward issostni li fl-ewwel lok din il-Qorti ma tistax issib lill-imputat hati u dan ghax il-Ministru li ghamel dawn ir-regoli u cioe' dawk li jikkoncernaw l-identifikazzjoni elettronika tal-klieb ma kellux dritt ukoll jipprovdi l-piena applikabbli f'kaz ta' xi kommissjoni ta' reat. Jigi rilevat li skond il-Kapitolu 437 li tahtu saru dawn ir-regolamenti, il-legislatur ipprovda li l-Onorevoli Ministru ghandu l-poter jaghmel regolamenti u ghalhekk dawn saru skond l-Artikolu 7 tal-Att principali. Illi huwa in segwitu li l-Minsitru pprovda l-pieni relattivi u ghalhekk din it-tezi tad-difiza ma ssibx konfort f'ghanjnejn il-Qorti. Id-difiza wkoll hija tal-fehma li l-akkuza m'ghandhiex tirrizulta 'il ghaliex il-prosekuzzjoni naqset li tipprova li l-klieb huma proprjeta' tal-imputat. Jinghad li l-klieb instabu marbuta fi proprjeta' tal-imputat u dan il-fatt qatt ma gie kkontestat mill-imputat u ghalhekk hemm presunzjoni ghalkemm hija wahda *iuris tantum* (li ghalhekk setghet tigi meghluba) li l-klieb jappartjenu lilu. L-imputat pero' strah fuq il-provi u ma ressaq l-ebda prova kuntrarja ghal dan il-fatt. Illi ghalhekk din it-tieni akkuza tirrizulta provata ghas-sodisfazzjon tal-Qorti.

Fit-tielet lok l-imputat gie akkuzat talli zamm majjali fir-razzett tieghu meta' dan il-fond u cioe' 2A, Race Course Street, Marsa ma kienx kopert b'licenzja bhala razzett tal-majjali ghal dan l-ghan specifiku skond l-**Artikolu 5 tal-L.S. 36.28 tal-Kap 36** tal-Ligijiet ta' Malta. Jirrizulta skond dan il-kapitolu li persuna ma tistax izzomm majjali fil- proprjeta' taghha jew amministrata minnha minghajr licenzja kif provduta fir-Regolament 3 ta' l-istess kapitolu li tinghata mid-Direttur tal-Agrikoltura fuq applikazzjoni fuq il-formula xierqa mahruga minnu. Issa m'hemmx dubju li fil-proprjeta' ta' l-imputat gewwa 2A, Triq Race Course, Marsa kien hemm zewgt majjaliet kbar tar-razza Japan u disa' majjaliet zghar ta' l-istess razza kif ukoll majjala wahda ta' kulur roza li kienu kollha mizmuma b'mod illegali u dan ghaliex l-imputat ma kellux licenzja mahruga mid-direttur tal-Agrikoltura ghal dan il-ghan. Jinghad li d-difiza qed issostni li l-Prosekuzzjoni ma pprovatx li l-hniezer kienu tal-imputat. Jirrizulta u dan bhala fatt ma giex kontestat la mill-imptuat u lanqas minn xi prova mressqa minnu li huwa kien prezenti ghal tlett *searches* li saru allegatament fil-proprjeta' tieghu. Minn imkien ma jirrizulta li l-postijiet fejn saru l-ispezzjonijiet mill-membri tal-ALE, tal-Animal Welfare Team u tal-Biccerija tal-Gvern ma kienux tieghu. L-imputat fl-ebda hin ma kkontesta dak li qalet il-prosekuzzjoni f'dan ir-rigward jew resqet xi prova kuntrarja. Ghalhekk dak li jirrizulta mir-rapport tal-veterinarju Dr. Duncan Chetcuti Ganado u cioe' li kien hemm l-imsemmija hniezer fil-proprjeta' tal-imputat huwa minnu u ghalhekk kien jispetta lill-istess imputat sabiex jottjeni licenzja ghaz-zamma taghhom.

Pero' minkejja dak kollu li gie appena rilevat f'dan ir-rigward issir referenza ghal dak li jiddisponi l-**Artikolu 122 tal-Kap 36** tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' s-segwenti:-

*"Kull reat kontra d-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza jaqa', għall-finijiet tal-Kodiċi Kriminali, taħt il-klassi tal-kontravenzjonijiet, ukoll meta l-pieni ikkontemplati f'din l-Ordinanza huma akbar minn dawk stabbiliti f'dak il-Kodiċi għall-kontravenzjonijiet".*

Illi ghalhekk it-termini ta' preskrizzjoni applikabbli ghal dan il-kaz huwa dak dispost fl-**Artikolu 688 (f) tal-Kap 9** tal-ligijiet ta' Malta u ghalhekk jippreskrivi ruhu fi zmien tlett xhur. Illi jirrizulta li l-ispezzjoni saret fit-12 ta' Ottubru 2012 u fil-fatt l-imputat gie mharrek in konnesjoni ma' dak li nstab f'din l-istess spezzjoni waqt li l-akkuzi odjerni hargu fis-7 ta' Novembru 2013 u ghalhekk tali akkuza hija llum preskritta u konsegwentement il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha.

Fir-raba' kaz l-imputat gie akkuzat talli zamm l-annimali fi stat hazin. Skond l-**Artikolu 8 (2) tal-Kap 439** hemm provdut li *"l-ebda annimal ma ghandu jigi mgieghel isofri ugiegh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn u l-ebda animal ma jista' jigi abbandunat."* Illi bhala fatt jirrizulta u dan proprju mix-xhieda li ta Dr Duncan Chectuti Ganado li fil-barriera fi Triq l-Istalel proprjeta' ta' l-imputat, l-imputat zamm disa' zwiemel u hames moghoz abbandunati fost zewgt izwiemel mizmuma f'kundizzjoni tajba. Dan huwa ndikattiv li l-imputat ha hsieb biex dawk iz-zewgt izwiemel ikunu kkundizzjonati tajba waqt li ma tax kaz l-ohrajn. Jiddiskrivi dawn iz-zwiemel billi ighid li kienu madura hafna u li kellhom *body core* baxx hafna tant li kellhom skeletru jidher minn kull naha u kien hemm *thorasic u lumber spine processes* li kienu evidenti hafna. Jghid fil-fehma esperta tieghu li dawn kienu fi stat ta' *neglect* u ghalhekk m'hemmx dubju li minhabba dan in-*neglect* l-annimali baghtew u sofrew l-ugiegh minghajr bzonn.

Fil-fatt l-**Artikolu 8(3) tal-Kapitolu 439** tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li kull min izomm l-annimali jew jaqbel li jzomm annimali ghandu jkun responsabbli ghat-trattament xieraq taghhom u dan hu dak li m'ghamilx l-imputat.

L-imputat gie wkoll akkuzat li kiser id-dispost ta' **l-Artikolu 31 tal-Kap 439** li jipprovdi s-segwenti:- "*Ma jistghux jigu organizzati glied ta' annimali, u annimali ma jistgħux jiddaħħlu għall-ġlied bejn annimali*". Illi mill-provi prodotti ghalkemm jidher li l-klieb kellhom xi grif u feriti fuq wicchom dan ma jfissirx li effettivament kienu nvoluti fi glied. Ghalhekk il-Qorti thoss li l-prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova din l-akkuza b'mod sodisfacenti.

**L-imputat gie wkoll akkuzat talli huwa recidiv. Il-prosekuzzjoni esebiet tlett sentenzi moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta li gew immarkati bhala Dok CSH 7, CSH 8 u CSH 9. Minn ezami tal-istess jidher li l-konnotati tal-imputat huma l-istess bhal dawk indikati f'dawn it-tlett sentenzi esebiti u ghalhekk din il-Qorti sejra ssib lill-imputat hati wkoll talli huwa recidiv. Dwar il-piena l-Qorti rat dak li jiddisponi l-Artikolu 45 (b) tal-Kap 439 u hija tal-fehma li stante li l-imputat huwa wkoll recidiv fl-istess reat m'ghandhiex tkun klementi fl-ghoti tal-piena taghha.**

**Ghaldaqstant din il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9, l-Artikolu 35(c)(iii) tal-Kapitolu 437, l-Artiklu 8(2)(3), 31, 45 u 46 tal-Kapitlu 439 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 5 ta' L.S. 36.28 u Artikoli 4 u 11(1) ta' L.S. 437.101 tiddeciedi li ssib lill-imputat JOSEPH**

**BARTOLO hati tal-akkuzi kollha salv ghall-akkuza li gelled il-klieb minn liema akkuza qed tilliberah u qieghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet akkuza dwar iz-zamma ta' majjali bla permessi mehtiega stante li din l-akkuza tinsab preskritta ai termini tal-Artikolu 688 (f) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta u tikkundannah sabiex ihallas multa kumplessiva ta' sebat elef ewro (€7,000).**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------